

kreditu ta' taxxa ta' 45% tal-investimenti (ĠU 2003, L 17, p. 1), u, fil-Kawżi T-229/01 u T-270/01, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/894/KE, tal-11 ta' Lulju 2001, dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat implementata minn Spanja favur impriżi mill-provinċja ta' Guipúzcoa f'forma ta' kreditu ta' taxxa ta' 45% tal-investimenti (ĠU 2002, L 314, p. 26).

Dispożittiv

- 1) L-appelli prinċipali u l-appelli inċidentali huma miċħuda.
- 2) It-Territorio Histórico de Vizcaya – Diputación Foral de Vizcaya, it-Territorio Histórico de Álava – Diputación Foral de Álava, it-Territorio Histórico de Guipúzcoa – Diputación Foral de Guipúzcoa, il-Camara Oficial de Comercio, Industria y Navegación de Vizcaya, il-Cámaras Oficial de Comercio e Industria de Álava u l-Cámaras Oficial de Comercio, Industria y Navegación de Guipúzcoa huma kkundannati f'partijiet indaqs għall-ispejjeż relatati mal-appelli preżenti.
- 3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbatisi l-ispejjeż tiegħi.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Lulju 2011 – Territorio Histórico de Vizcaya — Diputación Foral de Vizcaya et vs Il-Kummissjoni

(Kawża magħquda C-474/09 P sa C-476/09 P)

“Appell — Ghajjnuna mill-Istat — Rikors għal annullament — Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-iskemi ta' għajjnuna mill-Istat implementati minn Spanja favur impriżi mill-provinċji ta' Vizcaya, ta' Álava u ta' Guipúzcoa — Tnaqqis tal-bażi taxxabbi favur ċerti impriżi ġoddha — Aspettattivi leġittimi — Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba — Osservanza ta' terminu raġonevoli — Nuqqas ta' notifika”

1. *Appell — Aggravji — Kontestazzjoni, li tirriproduċi motivi u argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ĝeneralni, tal-interpretazzjoni jew tal-applikazzjoni li din il-qorti għamlet tad-dritt tal-Unjoni — Ammissibbiltà (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punti 57, 58, 60)*
2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Għajnuna mogħtija bi ksur tar-regoli proċedurali tal-Artikolu 88 KE — Aspettattivi leġittimi possibbli tal-benefiċjarji — Protezzjoni — Kundizzjonijiet u limiti — Nuqqas ta' azzjoni min-naħħa tal-Kummissjoni għal perijodu relativament twil — Assenza ta' aspettattivi leġittimi (Artikoli 87 KE u 88 KE) (ara l-punti 66, 67, 70, 76-78)*
3. *Proċedura — Miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura — Talba għall-produzzjoni ta' dokumenti — Obbligi ta' min iressaq it-talba (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ĝeneralni, Artikolu 64(3)(d), u (4)) (ara l-punti 89, 92)*
4. *Appell — Aggravji — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tar-riffut tal-Qorti Ĝeneralni li tordna miżuri istruttorji — Portata (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ĝeneralni, Artikolu 66(1)) (ara l-punt 93)*
5. *Proċedura — Intervent — Rikors intiż li jsostni t-talbiet ta' waħda mill-partijiet — Rikors li għandu lmenti speċifiċi imma li ma jbiddilx il-kuntest tat-tilwima — Ammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 40) (ara l-punti 109-111)*
6. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Għajnuna mogħtija bi ksur tar-regoli proċedurali tal-Artikolu 88 KE — Nuqqas ta' azzjoni min-naħħa tal-Kummissjoni, minħabba li ma kellhiex bieżżejjed informazzjoni, matul perijodu relativamente twil — Ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba — Assenza (Artikoli 87 KE u 88 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(1)) (ara l-punti 116, 117, 119, 120, 124, 125)*

Suġġett

Appelli mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza [li issa saret il-“Qorti Ġeneral”] (Il-Ħames Awla Estiża), tad-9 ta' Settembru 2009, Diputación Foral de Álava *et u* Gobierno Vasco vs Il-Kummissjoni (T-230/01 sa T-232/01 u T-267/01 sa T-269/01), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-Kawżi T-230/01 u T-267/01, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/892/KE, tal-11 ta' Lulju 2001, dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat implementata minn Spanja favur ċerti impriżi ġodda stabbiliti fil-provinċja ta' Álava (ĠU 2002, L 314, p. 1), fil-Kawżi T-231/01 u T-268/01, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/806/KE, tal-11 ta' Lulju 2001, dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat implementata minn Spanja favur ċerti impriżi ġodda stabbiliti fil-provinċja ta' Vizcaya (ĠU 2002, L 279, p. 35), u, fil-Kawżi T-232/01 u T-269/01, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/540/KE, tal-11 ta' Lulju 2001, dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat implementata minn Spanja favur ċerti impriżi ġodda stabbiliti fil-provinċja ta' Guipúzcoa (ĠU 2002, L 174, p. 31).

Dispożittiv

- 1) L-appelli prinċipali u l-appelli incidentalni huma miċħuda.
 - 2) It-Territorio Histórico de Vizcaya – Diputación Foral de Vizcaya, it-Territorio Histórico de Álava – Diputación Foral de Álava, it-Territorio Histórico de Guipúzcoa – Diputación Foral de Guipúzcoa, il-Camara Oficial de Comercio, Industria y Navegación de Vizcaya, il-Cámara Oficial de Comercio e Industria de Álava u l-Cámara Oficial de Comercio, Industria y Navegación de Guipúzcoa huma kkundannati f'partijiet indaqs ghall-ispejjeż relatati mal-appelli prezenti.
 - 3) Jr-Renju ta' Spania għandu ibati l-ispejjeż tiegħu.